MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Numru. 661/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**KONTRA**

**RITMARK BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ritmark Borg ta’ 21 sena, bin George u Maria Theresa nee’ Camilleri, residenti 109, Triq tal- Borg, Paola u detentur tal- Karta tal- IDentita’ bin- numru 359789M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :

1) Nhar il- 15 ta’ April 2010 ghall- habta tal-10.30am gewwa l- Fabbrika Foster Clarkes gewwa l-Qasam Industrijali, San Gwann minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ John Paul Carbonaro minn B’ Kara skont kif iccertifikat Dr. J. Preca MD mill- isptar Mater Dei;

2) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-probation taht l- Artikoli 7 u 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal- Qorti tal- Magistrati Malta fl- 20 ta’ Marzu 2009;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien impjegat mas-socjeta’ Foster Clark Products, u fil-15 ta’ April 2010 kien ghax-xoghol gewwa l-fabbrika tal-kumpannija fil-Qasam Industrijali f’ San Gwann. Waqt li kien qed jahdem fuq il-magna allokata lilu, inqala’ argument bejnu u haddiem iehor, John Paul Carbonaro, il-parti leza f’din il-kawza, u t-tnejn gew fl-idejn. Carbonaro sofra xi griehi f’ din il-glieda, u b’hekk ittiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mil-provi prodotti rrisulta li dak inhar filghodu, Carbonaro talab lill-imputat sabiex jassistih fix-xoghol, xi haga li ma kienx obbligat li jaghmel izda li kienet issir ta’ spiss bejn l-

impjegati. Jidher illi l-imputat irrifjuta jaghti l-ghinuna tieghu, Carbonaro avvicinah u beda jargumenta mieghu. Ix-xhieda li raw l-incident qalu fil-Qorti li l-attitudni ta' Carbonaro ma kienetx wahda pacifika, u t-tnejn gew fl-idejn. L-imputat ta daqqa ta' ponn lill-parti leza, li sofra qasma f'xofftu kif jindikaw ic-certifikati medici u r-ritratti esebiti.

Ghalkemm hu evidenti li l-imputat wegga' lill-parti leza, hemm konflitt car kif dan l-incident beda. Il-parti leza tghid li kien l-imputat li beda jargumenta, izda dan gie michud mill-istess imputat fl-istqarrija tieghu. Ir-rapport tas-surgent PS 564 Geoffrey Schembri jirrefletti dan il-konflitt ukoll. Il-Qorti hija aktar propensa temmen il-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija u fir-rapport, minn dik moghtija minn Carbonaro. Dan ghar-raguni li Carbonaro qal li hu storda bid-daqqa li qala', tant li ma jafx x'gara wara l-incident u kien mitlif minn sensih. Ir-rapport tas-surgent, izda, juri li Carbonaro – ezatt hekk kif sehh l-incident – l-ewwel irrifjuta li jmur l-isptar u ried imur fejn missieru, li kien qed jahdem go fabbrika ohra fil-vicin. Tant insista li jara 'l missieru li harab minn fuq il-post u mar bil-mixi, u xi hadd minn Foster Clark kellu jmur warajh bil-vettura u jwasslu sa fejn missieru, fejn hemmhekk Carbonaro – b'xi mod – sofra griehi ohra f'idu l-leminija. Dan kollu hu nesieh fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti, u qal biss kif wegga' meta gie aggredit ghal xejn b'xejn mill-imputat. Il-Qorti aktar tara li l-imputat kien konsistenti fil-verzjoni tal-fatti li ta, u li waqa' ghall-provokazzjoni maghmula lilu minn Carbonaro.

Ghalhekk, in vista ta' dawn il-provi prodotti, il-Qorti hi konvinta li l-imputat huwa fil-fatt hati tal-incident in kwistjoni, izda jidher car ukoll ghall-Qorti li kien hemm element ta' provokazzjoni min-naha ta' Carbonaro. Huwa minnu li l-imputat ma messu qatt waqa' ghall-kummenti maghmula fil-konfront tieghu, izda daqshekk ukoll huwa minnu li dan l-incident ma kienx isehh kieku l-parti leza ma bediex l-argument hu.

Kwantu ghall-ksur tal-Ordni ta' Probation li kien inghata l-imputat fl-20 ta' Marzu 2009, il-Qorti tara li l-incident mertu

ta' din il-kawza m'ghandux jigi ttrattat b'mod li l-imputat isofri pregudizzju ghal sitwazzjoni fejn gie provokat minn haddiehor. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena wahda komplessiva, biex ma ttellifx lill-imputat mil-progress li jista' jkun qed jaghmel mal-Ufficjal tal-Probation tieghu. Ghaldaqstant, kwantu ghall-piena, il-Qorti rat illi l-Ufficjal Prosekutur irremetta ruhu meta gie suggerit mill-Qorti li l-imputat kien ser jinghata provvediment taht id-disposizzjonijiet tal-Kap 446 ghal din il-kawza, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikolu 216 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------